IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.5.2017
COM(2017) 226 final

2017/0095 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fuq il-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fl-2015, numru ta' Stati Membri reġgħu introduċew kontrolli temporanji tal-fruntieri, wara flussi rekord ta' migranti li wasslu fl-Unjoni Ewropea u movimenti sekondarji importanti. Din is-sitwazzjoni kienet tikkostitwixxi theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna f'diversi Stati ta' Schengen[1].

It-theddidiet kienu dovuti għal nuqqasijiet serji f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżgurar ta' kontroll effiċjenti fuq il-fruntieri f'partijiet tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, li jpoġġu f'riskju l-funzjonament taż-żona Schengen kollha kemm hi. Skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ġie adottat approċċ koordinat fuq livell tal-UE permezz ta' Rakkomandazzjoni mill-Kunsill[2], fuq proposta mill-Kummissjoni[3], lill-ħames Stati ta' Schengen l-aktar milquta (l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja) biex ikun hemm kontroll fuq il-fruntieri proporzjonat u temporanju fuq partijiet limitati tal-fruntieri esterni tagħhom.

L-iskattar tal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-adozzjoni ta' approċċ koordinat fil-livell tal-UE għal kontroll temporanju fuq il-fruntieri kienu fost l-inizjattivi previsti mill-Pjan Direzzjonali Lura lejn Schengen[4], bl-għan li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jitneħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni kollha u nerġgħu lura lejn funzjonament normali taż-żona Schengen mill-aktar fis possibbli.

Il-Kunsill inizjalment irrakkomanda ż-żamma ta' kontroll fil-fruntieri interni temporanju u proporzjonat għal perjodu ta' sitt xhur. Il-Kunsill estenda r-Rakkomandazzjoni[5] tiegħu darbtejn, skont l-Artikolu 29, għal tliet xhur kull darba, għall-istess ħames Stati Schengen. Fl-istess ħin, il-Kunsill irrikonoxxa t-titjib tas-sitwazzjoni ġenerali b'riżultat tad-diversi miżuri li ttieħdu. Għalhekk, ir-reintroduzzjoni tal-kontrolli fu il-fruntiera kienet sottomessa għal kundizzjonijiet aktar stretti u ġie impost obbligu ta' rapportar dettaljat kull xahar fuq l-Istati Schengen konċernati.

Skont l-Artikoli 25 u 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-perjodu inizjali jista' jerġa' jiġi mtawwal f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-proċedura stabbiliti fl-Artikolu 29 jekk jippersistu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

---

1 B'mod kronoloġiku, il-Ġermanja, l-Awstrija, is-Slovenja, l-Ungerija, l-Iżvezja, in-Norveġja, id-Danimarka.

2 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/894 tat-12 ta' Mejju 2016 li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju (ĠU L 151, 8.6.2016, p.8-11).

3 Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju, COM(2016) 275 finali tal-4 ta' Mejju 2016.

4 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, "Lura lejn Schengen – Pjan Direzzjonali", COM(2016) 120 finali tal-4 ta' Marzu 2016.

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1989 tal-11 ta' Novembru 2016 li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona ta' Schengen f'riskju (ĠU L306, 15.11.2016, p.13-15) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/246 tas-7 ta' Frar 2017 li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju (ĠU L 36, 11.2.2017, p.59-61).

Dawn ir-Rakkomandazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-għodod addizzjonali disponibbli għall-Istati Membri kollha, inklużi l-ħames Stati Schengen affettwati, skont ir-regoli ġenerali għar-reintroduzzjoni temporanja ta' kontroll fuq il-fruntieri interni f'każ ta' theddida serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna, mhux konnessa ma' nuqqasijiet serji fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Pereżempju, matul dan il-perjodu, Franza, li mhix konċernata mir-Rakkomandazzjonijiet, reġgħet introduċiet u żammet il-kontroll tal-fruntieri mal-fruntieri interni kollha tagħha għal raġunijiet marbuta ma' theddidiet terroristiċi persistenti. L-Iżvezja nnotifikat ir-reintroduzzjoni tal-kontrolli temporanji fuq il-fruntiera għall-fruntieri interni kollha tagħha għal perjodu mis-7 sal-15 ta' April 2017 wara l-attakk terroristiku fi Stokkolma.

Il-Kummissjoni taf sew li l-flussi migratorji f'kull fruntiera esterna tal-UE jistgħu jkunu ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri. Għalhekk qed tkompli tieħu azzjonijiet f'diversi taqsimiet tal-fruntiera fuq il-baħar u fuq l-art biex ikun hemm azzjoni koordinata, inkluż permezz ta' sforzi addizzjonali fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali[6], permezz tal-Qafas tas-Sħubija u azzjoni addizzjonali fit-taqsimiet rilevanti fuq il-fruntieri esterni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li żviluppaw sfidi ġodda għas-sigurtà matul l-aħħar snin, kif muri mill-aktar attakki terroristiċi riċenti f'Berlin, Stokkolma jew Pariġi. F'dan ir-rigward, filwaqt li l-qafas legali preżenti kien biżżejjed biex jindirizza l-isfidi li tfaċċaw sa issa, il-Kummissjoni qiegħda tirrifletti dwar jekk hux adattat biżżejjed biex jindirizza l-isfidi għas-sigurtà li qiegħdin jevolvu.

Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tkompli taħdem sabiex tiżgura li l-għodod li diġa' qiegħdin fis-seħħ jintużaw bis-sħiħ kif ukoll taħdem fuq l-inizjattivi l-ġodda meħtieġa sabiex tistabilizza aktar is-sitwazzjoni, konxja mill-fatt li l-iżvantaġġi tal-kontrolli estiżi fuq il-fruntieri interni, jiġifieri l-kostijiet ekonomiċi u l-ostakoli għall-moviment liberu taċ-ċittadini, jridu jkunu bbilanċjati kontra r-riżultati miksuba mill-kontrolli fuq il-fruntieri interni mwettqa sa issa.

Is-sitwazzjoni attwali

Abbażi tar-rapporti ta' kull xahar mibgħuta mill-ħames Stati konċernati ta' Schengen, kif ukoll fuq l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-kontrolli sa issa baqgħu taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni. Bħal fi perjodi preċedenti, il-kontrolli saru biss meta' kien hemm bżonn, u baqgħu proporzjonati, immirati, limitati fl-intensità tagħhom u kienu tal-iċken ostakolu għall-qsim tal-fruntieri interni rispettivi mill-pubbliku ġenerali. Il-Kummissjoni tinnota li l-ħames Stati Schengen indikaw fir-rapporti tagħhom il-bżonn li jkomplu bil-kontrolli fil-fruntieri interni. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota wkoll it-tħassib espress mis-Slovenja dwar il-bżonn għal fruntieri interni fil-fruntiera bejn l-Awstrija u s-Slovenja peress li s-Slovenja taħseb li ċ-ċirkostanzi nbidlu ħafna minn mindu reġgħu ddaħħlu l-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni.

Ir-rapporti provduti mill-Istati Schengen skont ir-Rakkomandazzjoni tas-7 ta' Frar 2017 ikomplu jikkonfermaw ix-xejriet li ħarġu mir-rapporti mogħtija skont ir-Rakkomandazzjonijiet tat-12 ta' Mejju 2016 u l-11 ta' Novembru 2016 (f'termini tan-numru

[6] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, "Il-Migrazzjoni fir-rotta tal-Mediterran Ċentrali- Niġġestixxu l-flussi, insalvaw il-ħajjiet", JOIN(2017) 4 finali tal-25 ta' Jannar 2017.

ta’ applikazzjonijiet għal aħjar riċevuti jew rifjuti tad-dħul wara l-kontrolli), u għalhekk l-istabbilizzazzjoni progressiva kontinwa tas-sitwazzjoni.

In-numru ta’ wasliet irregolari fl-Unjoni Ewropea mill-fruntiera esterna Griega baqa’ baxx anke matul il-perjodu tar-Rakkomandazzjoni tas-7 ta’ Frar 2017, minkejja żieda żgħira fl-aħħar ġimgħat potenzjalment minħabba kundizzjonijiet tat-temp inqas ħorox u aktar favorevoli. L-operalizzazzjoni u l-implimentazzjoni gradwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta[7] flimkien mal-implimentazzjoni kontinwa tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 għad għandhom rwol ewlieni fil-ġestjoni tas-sitwazzjoni.

Minkejja dan għad fadal aktar sforzi xi jsiru sabiex il-kapaċitajiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jkunu kollha fis-seħħ biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni billi jitlestew l-għodod disponibbli għall-Aġenzija għat-tħaddim tal-operazzjonijiet, b’mod partikolari ir-riżorsi tar-riżervi obbligatorji ta' reazzjoni rapida. L-eżerċizzju ta’ valutazzjoni tal-vulnerabbiltà li għaddej bħalissa wkoll għandu jitlesta, bl-ewwel rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri rilevanti jindirizzaw bħala prijorità l-aktar vulnerabbiltajiet urġenti mistennija għall-aħħar ta’ Mejju u r-riżultati tal-ewwel eżerċizzju ta’ simulazzjoni għall-aħħar ta’ Ottubru 2017. Wara l-approvazzjoni tal-Kunsill ta’ mandat ta' negozjar sabiex jiġi konkluż ftehim ta’ status ma’ żewġ pajjiżi ġirien tal-UE, f’April 2017 bdew in-negozjati mas-Serbja. L-UE qiegħda tistenna lill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex tibda n-negozjati mill-aktar fis possibbli.

Mill-15 ta’ Marzu 2017 l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti ta’ Dublin fil-Greċja qiegħda tiġi gradwalment restawrata. Iridu jsiru aktar sforzi fix-xhur li ġejjin biex tidħol fil-prattika l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni[8] biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Greċja fis-sistema ta’ Dublin, irrispettivament mix-xogħol li għaddej biex jitjiebu dawk ir-regoli.

Barra minn hekk, in-numru ta’ migranti irregolari u ta' persuni li jfittxu l-ażil fil-Greċja (madwar 60 000) għadu sinifikanti. Il-hotspots u l-kampjiet fil-Greċja għadhom iffullati minħabba l-ipproċessar li jsir bil-mod: Il-progress fir-rilokazzjoni u r-ritorn għadu insuffiċjenti biex jgħin biex inaqqas b’mod sinifikanti dawn in-numri u biex ineħħi l-pressjoni minn fuq l-awtoritajiet nazzjonali Griegi. Is-sitwazzjoni fir-Rotta tal-Balkani tal-Punent uriet ċerta stabbilizzazzjoni fil-movimenti fl-aħħar ġimgħat; madankollu dan malajr jista’ jinbidel minħabba kundizzjonijiet tat-temp inqas ħorox. L-Istati Membri matul ir-rotta qed ikomplu jieħdu miżuri bl-għan li jindirizzaw flussi migratorji straordinarji potenzjali u jibnu ċnut mal-fruntieri.

Għalhekk, is-sitwazzjoni globali għadha fraġli u l-Istati Membri konċernati għadhom esposti għar-riskju marbut mal-movimenti irregolari; jenħtieġu sforzi addizzjonali sabiex is-sitwazzjoni tkompli ssir stabbli.

Nimxu 'l quddiem

[7] Ara t-Tielet Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, COM (2017) 219 finali tat-3 ta’ Mejju 2017.

[8] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8.12.2016 indirizzat lill-Istati Membri dwar it-trasferimenti mill-ġdid lejn il-Greċja skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, C(2016) 8525 finali.

Minkejja l-progress kontinwu miksub, il-kundizzjonijiet identifikati fil-Pjan Direzzjonali "Lura lejn Schengen" sabiex jitneħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni llum għadhom mhux kompletament fis-seħħ.

Bħal fil-perjodu preċedenti, in-numru ta' migranti fil-Greċja għadu jista' jkun sors ta' nkwiet u jista' jiġġustifika ż-żamma ta' miżuri xierqa. Is-sitwazzjoni tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent għadha fraġli u l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari ġejjin mill-Greċja għadhom esposti għar-riskju ta' movimenti irregolari.

Barra minn hekk, kif diġa' ntqal aktar 'il fuq, l-implimentazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha bżonn ftit aktar xhur sabiex tkun tista' tibni bis-sħiħ il-kapaċitajiet tagħha u taqdi r-rwol tagħha fil-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE.

Barra minn hekk, biex tingħata għajnuna minħabba xogħol b'lura fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għalażil fil-Greċja, ir-rilokazzjonijiet u r-ritorni mill-Greċja u minn Stati Membri oħra jridu jiżdiedu b'mod sinifikanti. Il-Kummissjoni għalhekk tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri stabbiliti għar-rilokazzjoni sa Settembru 2017 biex jiżguraw lil jiġu rilokati l-kandidati eliġibbli kollha.

Billi l-elementi kollha msemmija hawn fuq juru l-persistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa ġustifikat li tħalli lill-Awstrija, lill-Ġermanja, lid-Danimarka, lill-Iżvezja u lin-Norveġja jestendu l-kontroll tal-fruntieri interni attwali tagħhom bħala miżura eċċezzjonali għal perjodu proporzjonat ieħor.

Huma dawn l-Istati Schengen li jridu jiddeċiedu jekk itawwlux il-kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jżommu f'moħħhom li dawn il-kontrolli għandhom jintużaw biss bħala miżura aħħarija. Sabiex effettivament issegwi l-impenn tagħha li taħdem ma' dawn l-Istati Schengen biex jitneħħew gradwalment il-kontrolli fil-fruntieri temporanji billi ttejjeb miżuri oħra alternattivi ta' kontrolli fil-fruntieri li jistgħu jintużaw biex jirrimedja b'mod effettiv it-theddid identifikat, il-Kummissjoni tadotta, flimkien ma' din ir-Rakkomandazzjoni, Rakkomandazzjoni dwar verifiki proporzjonali tal-pulizija u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen. F'dan it-test, il-Kummissjoni tindirizza rakkomandazzjonijiet dwar kif l-Istati kollha ta' Schengen jistgħu jużaw aktar u aħjar is-setgħat tal-pulizija tagħhom fuq it-territorju tagħhom kif ukoll fiż-żona tal-fruntiera u fuq ir-rotot ta' trasport ewlenin Ewropej. Ir-Rakkomandazzjoni tistieden ukoll lill-Istati Schengen biex iżidu l-isforzi ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u verifiki tal-pulizija proporzjonali fit-territorju inkluż fiż-żona tal-fruntiera. F'dan il-kuntest, peress li l-Istati Schengen jista' jkollhom bżonn iwettqu preparazzjonijiet operazzjonali dwar ir-riżorsi, it-tqassim mill-ġdid tal-kompiti, l-akkwist ta' tagħmir tekonoloġiku modern, jew sempliċiment bidla fil-perspettiva attwali u l-abitudni biex jadattaw għal ċirkostanzi ġodda jeħtieġ ammont ta' żmien raġonevoli għall-implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tirrakkomanda li għandha tiġi implimentata malajr kemm jista' jkun u fi żmien sitt xhur l-aktar tard.

Sakemm titlesta l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-ħames Stati Schengen konċernati huma mistennija jevalwaw kull darba jekk il-verifiki intensifikati tal-pulizija jindirizzawx is-sitwazzjoni tat-theddidiet identifikati qabel jerġgħu jintroduċu jew iżommu l-kontrolli fil-fruntieri interni.

Skont l-indikaturi fattwali disponibbli f'dan l-istadju, inkluża l-istima tal-perjodu ta' żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-perjodu meħtieġ għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar verifiki tal-

pulizija proporzjonali u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen kif ukoll il-kundizzjonijiet tat-temp inqas ħorox li jistgħu jżidu n-numru ta' wasliet irregolari fl-UE u l-movimenti sekondarji sussegwenti, l-estensjoni preżenti u finali[9] tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni bbażata fuq ċirkostanzi eċċezzjonali persistenti ma għandhiex taqbeż is-sitt xhur.

Kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

Il-ħames Stati Schengen li bħalissa qed iwettqu kontrolli temporanji fil-fruntieri interni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2017 għandu jkollhom il-permess li jkomplu jagħmlu dan għal sitt xhur taħt kundizzjonijiet stretti.

Minħabba l-istabbilizzazzjoni kontinwa tas-sitwazzjoni u l-objettiv tat-tneħħija gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri interni temporanji, l-Istati Schengen konċernati għandhom l-ewwel jivvalutaw jekk it-theddidiet serji identifikati għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna jistgħux jiġu indirizzati aħjar permezz ta' verifiki tal-pulizija aktar b'saħħithom fit-territorju, inkluż fiż-żoni tal-fruntieri, kif rakkomandat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2017 dwar verifiki tal-pulizija proporzjonali u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen, u jerġgħu jdaħħlu /jestendu l-kontroll mal-fruntieri interni biss bħala miżura aħħarija. L-eżaminazzjoni tal-possibiltà ta' miżuri oħra għandha ssir regolarment u l-użu tagħhom għandu jiġi preferut bħala miżura b'inqas impatt fuq il-libertà ta' moviment fiż-żona Schengen. L-Istati Schengen konċernati għandhom jikkunsidraw liema huma l-aktar għodod adattati, inkluż il-verifiki tal-pulizija, u jagħtu raġunijiet dwar l-għażla għal kontroll fuq il-fruntiera bħala miżura aħħarija fin-notifiki tagħhom lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni.

Ir-rekwiżiti skont ir-Rakkomandazzjoni tas-7 ta' Frar 2017 dwar ir-rieżami ta' kull ġimgħa mill-Istati Membri konċernati dwar il-ħtieġa, il-frekwenza, il-post u l-ħin tal-kontrolli, l-aġġustament tal-kontrolli għal-livell tat-theddida indirizzata, u t-tneħħija gradwali tagħhom kull fejn xieraq, jibqgħu fis-seħħ għal din ir-Rakkomandazzjoni. L-Istati Schengen konċernati għandhom jibqgħu jikkonsultaw regolarment ukoll mal-Istat(i) Membru(i) rilevanti bil-ħsieb li jiżguraw li l-kontrolli fuq il-fruntieri interni jsiru biss f'dawk il-partijiet tal-fruntiera interna fejn huwa meqjus neċessarju u proporzjonat, skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Se jkompli japplika l-obbligu ta' rapportar dettaljat li ġie introdott mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2017. Wara kull xahar tal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri konċernati għandhom jirrapportaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-kontrolli mwettqa u fuq il-valutazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa kontinwa ta' tali kontrolli, fejn applikabbli. Dan ir-rapport jenħtieġ li tal-anqas jinkludi n-numru totali ta' persuni vverifikati, in-numru totali ta' rifjuti ta' dħul wara l-ivverifikar, in-numru totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa wara l-verifiki u n-numru totali ta' applikazzjonijiet għall-ażil riċevuti fuq il-fruntieri interni fejn ikunu saru l-verifiki.

Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u s-sitwazzjoni eżistenti.

[9] Ara l-Artikolu 29(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jgħid li perjodu inizjali għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni jista' jiġi estiż mhux aktar minn tliet darbiet.

Sabiex tneħħi l-kontrolli fil-fruntieri interni temporanji, il-Kummissjoni se timmonitorja u tikkunsidra wkoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar verifiki proporzjonali tal-kontrolli tal-pulizija u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen mill-Istati Schengen konċernati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din ir-Rakkomandazzjoni sservi biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha rabtiet mas-suq intern tal-Unjoni u mal-politika tal-migrazzjoni u tal-asil.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 jispeċifika li l-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjoni għal kontroll fil-fruntieri interni abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

Hija meħtieġa l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jitqiegħed f’riskju.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet segwiti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Minħabba l-urġenza tal-proposta, konsultazzjoni mal-parti konċernata ma kinitx fattibbli.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-perjodu ta' żmien limitat imsemmi u fil-kunsiderazzjoni tad-dejta mressqa mill-Istati Schengen konċernati u dawk disponibbli dwar is-sitwazzjoni fil-Greċja, ma kinitx saret valutazzjoni tal-impatt kompluta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ġiet ikkunsidrata waqt it-tfassil tal-proposta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

mhux applikabbli

2017/0095 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fuq il-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[10], u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-Kunsill adotta fit-12 ta' Mejju 2016, fuq proposta tal-Kummissjoni, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju.

(2) Il-Kunsill irrakkomanda li ħames Stati Schengen (l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja) iżommu kontroll proporzjonat temporanju fuq il-fruntieri f'numru limitat ta' taqsimiet tal-fruntieri interni tagħhom għal perjodu inizjali ta' sitt xhur, biex jindirizzaw it-theddida serja għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna f'dawn l-Istati minħabba nuqqasijiet fil-kontroll tal-fruntiera esterna fil-Greċja u l-movimenti sekondarji sussegwenti ta' immigranti irregolari li deħlin mill-Greċja li jiċċaqilqu lejn Stati ta' Schengen oħra. Dan il-perjodu ġie estiż mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni darbtejn, fil-11 ta' Novembru 2016 u fis-7 ta' Frar 2017 rispettivament, għal perjodi ulterjuri ta' tliet xhur kull darba.

(3) Skont l-Artikoli 25 u 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-perjodu inizjali taż-żmien irrakkomandat mill-Kunsill jista' jkompli jiġi estiż jekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jippersistu.

(4) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-11 ta' Novembru 2016 u tas-7 ta Frar 2017 kienu jirrikjedu li l-Istati ta' Schengen konċernati għandhom jirrapportaw kull xahar lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-kontrolli mwettqa u dwar il-valutazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa kontinwa ta' tali kontrolli, fejn applikabbli. Il-Kummissjoni rċeviet rapporti bħal dawn mill-Istati ta' Schengen kollha konċernati. L-informazzjoni li tinsab f'dawn ir-rapporti turi li l-kontrolli baqgħu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni. Hija tikkonferma wkoll stabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni f'dawn l-

[10] ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Istati, f'termini tan-numru ta' rifjuti ta' dħul u applikazzjonijiet għalażil riċevuti matul il-kontrolli.

(5) Madankollu, minkejja dan il-progress, il-kundizzjonijiet identifikati fil-Pjan Direzzjonali "Lura lejn Schengen" li jippermettu t-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni kollha sabiex il-funzjonament taż-żona Schengen jerġa' lura għan-normal għadhom mhux kompletament sodisfati. Numru importanti ta' migranti irregolari għadhom fil-Greċja u matul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent, u wħud minnhom mhux reġistrati. Ir-riskju ta' movimenti sekondarji irregolari fiż-żona Schengen ta' dawn il-migranti għadu hemm.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Lura lejn Schengen – Pjan Direzzjonali", il-Kummissjoni identifikat id-diversi politiki li għandhom jiġu implimentati għal żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ. Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għadu għaddej. Madankollu, tenħtieġu aktar kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri biex ikollha riżorsi sħaħ u biex tkun tista' taqdi r-rwol tagħha fl-iżgurar tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Ir-Rakkomandazzjonijiet wara l-ewwel valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà għadhom ma nħarġux. Il-ftehimiet dwar l-istatus mas-Serbja qiegħdin jiġu nnegozjati.

(7) Wara aktar minn sena, l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 tkompli tagħti riżultati tanġibbli, kif kien ikkonfermat fil-ħames rapport ta' progress[11]. Madankollu, il-wasliet għadhom qed jissuperaw in-numru ta' ritorni mill-Greċja lejn it-Turkija u dan wassal għal pressjoni addizzjonali fuq il-gżejjer Griegi. Il-progress fuq l-elementi l-oħra tad-Dikjarazzjoni irid ikompli. L-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni għalhekk trid tibqa' tiġi mmonitorjata. L-istess japplika għas-sitwazzjoni tul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent u l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-laqgħa tal-Mexxejja tar-Rotta tal-Balkani tal-Punent.

(8) Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku u s-sigurtà interna u li jpoġġu f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen għalhekk għadhom jippersistu.

(9) Fid-dawl tal-fatti ta' hawn fuq, jidher għaldaqstant iġġustifikat, bħala miżura aħħarija, li jingħata permess għal estensjoni oħra tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni konċernati mill-Istati Schengen li bħalissa qed iwettqu dawn il-kontrolli, jiġifieri l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u l-pajjiż assoċjat tan-Norveġja, f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(10) Il-Kunsill jieħu nota tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar verifiki proporzjonali tal-pulizija u l-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen li tikkontribwixxi wkoll għat-tneħħija gradwali tal-kontrolli tal-fruntieri interni bl-għan li tneħħi l-kontrolli fil-fruntieri interni kollha u ż-żona Schengen terġa' tibda taħdem b'mod normali malajr kemm jista' jkun billi tingħata preċedenza lill-użu tal-verifiki tal-pulizija biex jiġu indirizzati b'mod xieraq it-theddidiet serji lill-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna. Il-Kunsill jieħu nota li l-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Schengen kollha jimplimentaw il-miżuri rakkomandati malajr kemm jista' jkun u l-aktar tard fi żmien sitt xhur.

[11] Il-Ħames Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, COM(2017) 204 finali tat-2 ta' Mejju 2017.

(11) Skont l-istima taż-żmien neċessarju li għad fadal biex jiġu implimentati l-miżuri pendenti bl-għan li jiżguraw protezzjoni xierqa tal-fruntieri esterni tal-UE u sigurtà adegwata fiż-żona Schengen, din l-estensjoni ma għandhiex taqbeż sitt xhur mid-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(12) L-Istati Membri li jiddeċiedu li jibqgħu jwettqu kontroll fil-fruntieri interni skont din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni kif xieraq.

(13) Qabel ma jagħżlu li jkomplu b'dawn il-kontrolli mal-fruntiera, l-Istati Membri konċernati jenħtieġ li jaraw jekk jistgħux jintużaw miżuri oħra alternattivi għall-kontroll tal-fruntieri li jostakolaw inqas il-moviment liberu tal-persuni u tal-oġġetti bħala rimedju effettiv għat-theddida identifikata. Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar verifiki proporzjonali tal-pulizija u kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen, il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Schengen biex jużaw is-setgħat tal-pulizija tagħhom mat-territorju kollu, inkluż fiż-żona tal-fruntiera u fir-rotot ewlenin b'mod aktar effettiv u jagħtu preċedenza lill-verifiki tal-pulizija. Madankollu, sakemm issir l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, l-Istati Schengen konċernati għandhom jagħtu informazzjoni dwar l-eżitu tar-riflessjoni dwar l-aktar għodod xierqa u r-raġunijiet għall-għażla tal-kontrolli mal-fruntieri bħala miżura aħħarija fin-notifiki tagħhom.

(14) Jenħtieġ li l-kontrolli skont din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jibqgħu jitwettqu biss sal-limitu meħtieġ, fejn l-intensità tagħhom tkun ristretta għal-livell minimu assolut meħtieġ u aġġustata għaċ-ċirkostanzi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jista' jiġi previst li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri ta' fluss għandu jwassal għas-sospensjoni tal-kontrolli f'taqsimiet tal-fruntiera partikolari. Għandhom jitwettqu biss kontrolli mmirati, abbażi tal-analiżi tar-riskju u tal-intelligence aġġornati b'mod kostanti, sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji tagħhom u jiġu limitati l-effetti negattivi tagħhom fuq il-moviment liberu. L-Istati ta' Schengen li ġew milquta minn dawn il-kontrolli fit-taqsimiet rilevanti tal-fruntiera għandhom jitħallew jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-ħtieġa tagħhom; l-Istat ta' Schengen li ddeċieda li jintroduċi mill-ġdid kontrolli bħal dawn għandu jikkunsidra dawn il-fehmiet meta jeżamina u jirriżamina l-ħtieġa ta' verifiki bħal dawn, bl-għan li jnaqqashom progressivament.

(15) Fl-aħħar ta' kull xahar tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jenħtieġ li jintbagħat lill-Kummissjoni rapport komplut dwar ir-riżultati tal-verifiki mwettqa, flimkien ma' valutazzjoni tal-bżonn kontinwu tagħhom fejn applikabbli. Jenħtieġ li dan ir-rapport jinkludi n-numru totali ta' persuni vverifikati, in-numru totali ta' rifjuti ta' dħul wara l-verifiki, in-numru totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa wara l-verifiki u n-numru totali ta' applikazzjonijiet għall-ażil riċevuti fuq il-fruntieri interni fejn ikunu saru l-verifiki.

(16) Il-Kunsill jieħu nota wkoll li l-Kummissjoni ddikjarat li se timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI:

1. L-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja jestendu l-kontrolli proporzjonali u temporanji fil-fruntieri għal perjodu massimu ta' sitt xhur, li jibda mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, fil-fruntieri interni li ġejjin:

– l-Awstrija fil-fruntiera fuq l-art bejn l-Awstrija u l-Ungerija u fil-fruntiera fuq l-art bejn l-Awstrija u s-Slovenja;

– il-Ġermanja fil-fruntiera fuq l-art bejn il-Ġermanja u l-Awstrija;

– id-Danimarka fil-portijiet Daniżi b'konnessjonijiet bil-lanċa lejn il-Ġermanja u fil-fruntiera fuq l-art bejn id-Danimarka u l-Ġermanja;

– l-Iżvezja fil-portijiet Żvediżi fir-Reġjun tal-Pulizija tan-Nofsinhar u tal-Punent u fuq il-pont Öresund;

– in-Norveġja fil-portijiet Norveġiżi b'konnessjonijiet bil-lanċa lejn id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja.

2. Qabel ma wieħed jiddeċiedi fuq estensjoni ulterjuri ta' tali kontrolli bbażati fuq din ir-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri konċernati jagħmlu skambju ta' fehmiet mal-Istat(i) Membru/i rilevanti bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kontrolli fil-fruntieri interni jsiru biss fejn huwa meqjus neċessarju u proporzjonat. Barra minn dan, jenħtieġ li l-Istati Membri konċernati jiżguraw li l-kontrolli fil-fruntieri interni huma mwettqa biss bħala miżura aħħarija meta miżuri alternattivi oħra ma jistgħux jiksbu l-istess effett, u biss f'dawk il-partijiet tal-fruntiera interna fejn huwa meqjus neċessarju u proporzjonat, f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Meta jipprovdi l-istess riżultati ta' sigurtà, l-użu tas-setgħat tal-pulizija bħala miżuri kompensatorji għandhom jiġu preferuti bħala miżura b'inqas impatt fuq il-moviment liberu tal-persuni u tal-oġġetti. L-Istati Membri konċernati għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni kif xieraq.

3. Il-kontroll fil-fruntiera jenħtieġ li jibqa' mmirat, ibbażat fuq analiżi tar-riskju u intelligence aġġornati kontinwament u jkun limitat fil-kamp ta' applikazzjoni, fil-frekwenza, fil-post u fil-ħin, għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-indirizzar tat-theddid serju u s-salvagwardja tal-ordni pubbliku u s-sigurtà interna. L-Istat Membru li jwettaq kontrolli fuq il-fruntieri interni skont din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni għandu jirrieżamina kull ġimgħa l-ħtieġa, il-frekwenza, il-post u l-ħin tal-kontrolli, jaġġusta l-intensità tal-kontrolli għal-livell tat-theddida indirizzata, filwaqt li jneħħihom b'mod progressiv kull fejn xieraq, u jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kull xahar.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President